*-Mandat t'inibizzjoni – ma jistax jintuża' għal arm twisting*

*-trasferiment għandu biss effett inter partes u ma jistax jilledi jeddijiet ta' terzi*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**Digriet mogħti kameralment illum 9 ta' Lulju 2019**

**Mandat Nru. 800/12019/1 GM**

**Joseph Borg (K.I. 343663M)**

**Elizabeth Borg (K.I. 424265M)**

**vs**

**Daniel Darmanin (K.I. 71144M)**

**Marcelle Dramanin (K.I. 890245M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-konjuġi Borg għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni ppreżentat fis-17 ta' Ġunju 2019 li permezz tiegħu qegħdin jitolbu l-intimati Darmanin, sidien tal-fond *Sevenoaks* Triq il-Linja Attard, li jinstab biswit il-fond *Suisselodore* fl-istess triq, proprjeta` tar-rikorrenti bid-dritt t'aċċess minn *drive-in*, jiġu inibiti milli jitrasferixxu l-proprjeta` tagħhom lis-soċjeta` ICI Limited, ukoll intimata;

Rat ir-risposta ta' ICI Limited;

Semgħat is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet kontendenti kollha waqt l-udjenza tal-4 ta' Lulju 2019;

Ikkunsidrat:

Illi kwalunkwe trasferiment ta' ġid bejn l-intimati huwa *res inter alios acta* għar-rikorrenti, li la jista' jagħtihom u lanqas jeħdilhom ebda dritt u għalhekk żgur li r-rikorrenti m'għandhomx jeddijiet *prima facie* j'jikkawtelaw. L-ebda użu abbużiv u l-ebda ftuh illegali ta' aperturi fid-*drive-in* imsemmija li allegatament għamlu l-intimati Darmanin ma huwa sejjer jiġi effettwat bit-trasferiment tal-proprjeta` tagħhom. Lanqas ma jfisser li b'daqshekk il-proprjeta` tal-intimati Darmanin qiegħdha f'xi stat ta' illegalita`, kif jallegaw ir-rikorrenti. Fl-aħħarnett mhux minnu li l-att ta' trasferiment innifsu jista' jitqies bħala prova li ġie ssanat l-istat illegali tal-ġid tal-intimati Darmanin u wisq inqas li t-trasferiment sejjer joħloq xi diffikultajiet għar-rikorrenti fit-tgawdija tal-aċċess għal ġidhom mill-istess drive-in;

Illi fir-risposta tagħha, is-soċjeta` intimata tallega li li l-veru skop ta' dan il-mandat huwa li joħolqu ostaklu għan-negozju bejn l-intimati billi negozjati bejn ir-rikorrenti u l-intimati Darmanin għall-akkwist mir-rikorrenti ta' parti mill-ġid tal-intimati Darmanin ma rnexxiex għax ma kinux lesti jħallsu l-prezz mitlub. Allegazzjoni mhux miċħuda mir-

rikorrenti.  Jekk inhu hekk il-każ, iktar u iktar hija bla bażi t-talba għall-ħruġ ta' dan il-mandat, billi kif qalet diversi drabi din il-Qorti, diversament ippreseduta, l-ebda mandat m'għandu jintalab u wisq inqas jinħareġ bħala eżerċizzju ta' *arm-twisting.*

Għal dawn il-motivi l-rikors qiegħed jiġi miċħud.

Spejjeż a kariku tar-rikorrenti.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA